TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviv Numru CCT 99/12/GZ

**Josephine Riviera**

**vs**

**Omajco Cleaners Ltd**

Illum 26 ta' Novembru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' April, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' sebgha mitt Ewro (€700.00), rapprezentanti il-prezz originali ta' sett ta' zewg (2), minn liema sett, tapit wiehed, gie kkonsenjat lura ghand ir-rikorrenti mis-socjeta' ntimata ddanneggjat.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fl-4 ta' Mejju 2011, hija kienet baghtet sett ta' zewg (2) twapet lis-socjeta' ntimata sabiex jitnaddfu. Dawn it-twapet kienu damu ghand is-socjeta' ntimata ghal sitt (6) xhur shah, meta r-rikorrenti ma kienet qatt talbet illi tali twapet jinzammu bhala 'storage', u f'dawk is-sitt (6) xhur, ir-rikorrenti kienet iccempel lis-socjeta' ntimata regolarment sabiex tistaqsi meta kienu ser jintbaghtu lura, pero' kull darba kienet tigi nformata illi t-twapet kienu ghadhom mhux lesti.

Fil-bidu ta' Dicembru 2011, is-socjeta' ntimata baghtet it-twapet lura ghand ir-rikorrenti. It-twapet kienu ppakjati separatament fil-plastik, pero' r-rikorrenti kienet indunat illi wiehed mit-twapet kien jidher imxarrab, u meta fethet il-plastik hija indunat li t-tapit kien iddanneggjat

f'diversi postjiet. Sahansitra kien hemm parti tat-tapit in kwistjoni fejn kellu l-pil maqlugh il-barra ghal kollox u kienet tidher ix-xoqqa tal-qiegh. Ghalhekk, l-ewwel haga l-ghada filghodu, ir-rikorrenti kieent cemplet lis-socjeta' ntimata sabiex taghmel l-ilment taghha, a bazi ta' liema, is-socjeta' ntimata kienet regghat gabret it-tapit fil-5 ta' Dicembru 2011. Wara li r-rikorrenti cemplet diversi drabi biex tara kif kienu ser jibqghu, u kull darba tigi nformata illi kienu qed jaraw, is-socjeta' ntimata kienet qaltilha biex tixtri tapit iehor a spejjez tas-socjeta' ntimata. Ir-rikorrenti kienet insistiet illi tali tapit kien jifforma parti minn sett ta' zewg twapet, u mbaghad is-socjeta' ntimata kienet qaltilha li ma kenitx lesta li tirranga.

Ir-rikorrenti kienet informat,lis-socjeta' ntimata illi li kieku hija ssibilha tapit identiku ghal dak li hija ddannegjat, mela hija kienet taccetta l-offerta, pero' minn dak iz-zmien 'l hawn hija ma semghat xejn iktar minghand is-socjeta' ntimata. It-tapit li kienu gabru ghat-tieni darba baqa' fil-pussess tas-socjeta' ntimata.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tal-formoli ta' l-ordni ghas-servizz; sett ta' hames (5) ritratti tat-tapit iddanneggjat; u l-ircevuti ta' meta originarjament inxtraw it-twapet, datati 18 ta' Ottubru 1995.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Mill-kopji tal-ircevuti li gew esposti, johrog car li dan it-tapit ghandu sbatax (17)-il sena.

Hemm konflitt bejn ir-referenzi li huma dikjarati fuq l-ircevuti esposti, kif ukoll jidher car li l-ircevuta fiskali lanqas tirreferi ghal isem ix-xerrej, wisq anqas tirreferi ghall-ircevuta li qed jigi assunt li tkopri bejgh ta' tapit minghand il-'Big Ben Textile Centre'.

Jekk ir-rikorrenti qed tghid li dawn iz-zewg twapet inxtraw bhala sett ta' tnejn, dan ma johrogx mill-ircevuti li qieghdin jigu prezentati fil-kaz odjern.

Il-kumment tar-rikorrenti: *"Kopji tal-ircevuti tas-sett tapiti li kont xtrajt minghand BIG BEN Textiles li jammontaw ghal LM319 (Eur 743)"*, ma jistax jitqies bhala kredibbli ghaliex l-ebda referenza ghal sett ta' twapet ma jidher fuq dawn l-ircevuti ezebiti.

It-tapit kien fi stat imkabar hafna meta ngabar minghand ir-rikorrenti, tant li dan il-fatt ma ngibdetx l-attenzjoni tas-socjeta' ntimata.

Dettalji ta' kif graw l-affarijiet huma s-segwenti: Ir-rikorrenti kienet cemplet lis-socjeta' ntimata fl-4 ta' Mejju 2011 sabiex jingabar sett twapet ghall-hasil, u tali twapet kienu ngabru fis-6 ta' Mejju 2011. Tapit wiehed kien inhasel fit-2 ta' Settmebru 2011 u l-iehor ma nhasilx ghaliex instab li kien iddanneggjat. Il-hsara kienet tikkonsisti f'tizrit tax-xoqqa kif ukoll fi dwawar sofor li jindikaw fic-car li dan it-tapit sofra 'flooding' ghand ir-rikorrenti qabel ma ngabar mis-socjeta' ntimata, tant li dan wassal ghad-deterjorazzjoni fuq il-hidma tat-tapit. Is-sett tat-twapet gie ppakjat billi wiehed li nhasel gie ppakjat f'borza separatament u l-iehor (li kien meqjus bhala

'damaged') gie ppakjat f'borza ohra sabiex ma jaghtix lok li jirrekka aktar hsara lill-iehor li issa kien diga' nhasel. Sadanittant, ir-rikorrenti giet mgharrfa bis-sitwazzjoni fejn gie indikat lilha li wiehed mit-twapet kellu l-hsara u ghaldastant ma setghax jinhasel qabel ir-rikorrenti stess tapprova li dan isir u tassumi kull responsabbilta' ghall-hsara li setghat tirrizulta lill-istess tapit jekk dan il-hasil isir. Wara battibekki bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' ntimata dwar dan, li damu ghal tul ta' zmien sew, it-twapet ittiehdu lura fis-7 ta' Dicembru 2011 u r-rikorrenti hallset ghas-servizz tal-hasil. Xi ftit ta' zmien wara, ir-rikorrenti kienet regghat cemplet lis-socjeta' ntimata fejn indikatilha li tapit minnhom kellu l-hsara. Wara dan, is-socjeta' ntimata kienet cemplet lir-rikorrenti, fejn l-istess rikorrenti kienet ammettiet li t-tapit kellu ammont konsiderevoli ta' tbajja. Pero', meta giet informata li dawn it-tbajja kienu kawza ta' xi 'flooding' jew xi tip ta' hsara ohra li setghat grat qabel ma t-tapit intbaghat lis-socjeta' ntimata, ir-rikorrenti ma accettatx. Ghalhekk, it-tapit bil-hsara rega' ngabar mis-socjeta' ntimata fit-12 ta' Dicembru 2011 u baqa' ghand is-socjeta' ntimata sa llum.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet zewg (2) ritratti, li gew immarkati bhala Dok.JR1 u Dok.JR2.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet sitt (6) ritratti tat-tapit in kwistjoni, li gew immarkati bhala Dok.OC1 sa Dok.OC6.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li nnota illi ma ngabet l-ebda prova da parte tar-rikorrenti rigwardanti l-istat o meno tat-tapit in kwistjoni qabel ma ntbaghat ghand is-socjeta' ntimata, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, fuq nuqqas ta' provi, b'dan illi t-tapit in kwistjoni ghandu jigi rritornat mis-socjeta' ntimata lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**